Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2895

22.12.2023

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2895

tad-19 ta' Diċembru 2023

li tistabbilixxi l-lista ta' gżejjer u portijiet imsemmija fl-Artikolu 12(3-d) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-lista ta' kuntratti ta' servizz pubbliku transnazzjonali jew obbligi ta' servizz pubbliku transnazzjonali msemmija fl-Artikolu 12(3-c) ta' dik id-Direttiva

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3-d) u (3-c) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE ġiet emendata aktar reċentement mid-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) biex tinkludi l-emissjonijiet tat-trasport marittimu fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni (l-"EU ETS").

(2) Sabiex tiġi żgurata l-konnettività ta' ċerti gżejjer, l-EU ETS tipprevedi żewġ tipi ta' derogi temporanji mill-obbligu li jiġu ċeduti l-kwoti skont l-Artikolu 12(3-d) u (3-c) tad-Direttiva 2003/87/KE. Peress li dawk id-derogi temporanji t-tnejn jikkonċernaw il-konnettività, jenħtieġ li l-lista tal-gżejjer u l-portijiet u l-lista ta' kuntratti tas-servizz pubbliku tranżnazzjonali u l-obbligi tas-servizz pubbliku tranżnazzjonali jiġu stabbiliti fl-istess att.

(3) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(3-d), tad-Direttiva 2003/87/KE, port li jrid jiġi identifikat bħala port ikkonċernat mid-deroga temporanja jrid ikun jinsab fi ġżira mingħajr konnessjoni bit-triq jew bil-ferrovija mal-kontinent u b'popolazzjoni ta' inqas minn 200 000 resident permanenti. Għalhekk, bħala segwitu tat-talbiet mid-Danimarka, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Malta u l-Iżvezja, jenħtieġ li bosta portijiet jiġu identifikati bħala portijiet ikkonċernati mid-deroga temporanja skont l-Artikolu 12(3-d) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(4) F'konformità mal-Artikolu 12(3-c) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-kuntratti tas-servizz pubbliku tranżnazzjonali jew l-obbligi tas-servizz pubbliku tranżnazzjonali għandhom jgħaqqdu żewġ Stati Membri, fejn wieħed minnhom ma jkollux fruntiera tal-art ma' Stat Membru ieħor u l-Istat Membru l-ieħor huwa l-eqreb Stat Membru ġeografikament għal dak l-Istat Membru mingħajr fruntiera tal-art. Ċipru ma għandu l-ebda fruntiera tal-art ma' Stat Membru ieħor u l-Greċja hija ġeografikament l-eqreb Stat Membru għal Ċipru. Għalhekk, bħala segwitu tat-talba konġunta minn Ċipru u l-Greċja, il-kuntratt tas-servizz pubbliku li jgħaqqad lil Ċipru mal-Greċja jenħtieġ li jiġi identifikat bħala kuntratt ta' servizz pubbliku tranżnazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 12(3-c) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(5) Biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-EU ETS, li għandha tkun tinkludi l-emissjonijiet mit-trasport marittimu rilaxxati mill-1 ta' Jannar 2024, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika minn dik id-data,

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj?locale=mt.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj?locale=mt).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(3) u fl-Artikolu 16, tad-Direttiva 2003/87/KE bħala ssodisfati u ma għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-kumpaniji tat-tbaħħir fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2030 minn:

(a) vjaġġi mwettqa minn vapuri tal-passiġġieri, minbarra bastimenti tal-kruċieri, u minn vapuri ro-ro tal-passiġġieri, bejn port ta' gżira kif elenkat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni u port taħt il-ġuriżdizzjoni tal-istess Stat Membru, jew mill-attivitajiet, f'port, ta' tali vapuri fir-rigward ta' tali vjaġġi;

(b) vjaġġi mwettqa minn vapuri tal-passiġġieri jew vapuri ro-ro fil-qafas ta' kuntratt tas-servizz pubbliku tranżnazzjonali jew obbligu tas-servizz pubbliku tranżnazzjonali li jgħaqqdu żewġ Stati Membri, kif elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, jew mill-attivitajiet, f'port, ta' tali vapuri fir-rigward ta' tali vjaġġi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Lista ta' gżejjer u portijiet kif imsemmi fl-Artikolu 12(3-d), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE

STAT	ISEM IL-GŻIRA	ISEM IL-PORT
ID-DANIMARKA	BORNHOLM	ROENNE
IL-GREĊJA	AEGINA	AEGINA
		AGIA MARINA, AEGINA
		SOUVALA
	AGATHONISI	AGATHONISI
	AGIOS EFSTRATIOS	AGIOS EFSTRATIOS
	ALONNISOS	ALONNISOS
	AMORGOS	AGIALI
		KATAPOLA
	ANAFI	ANAFI
	ANDROS	GAVRIO
	ANGISTRI	ANGISTRI
	ANTIKYTLEA	POTAMOS, ANTIKYTLEA
	ANTIPAROS	ANTIPAROS
	ARKI	ARKI
	ASTYPALAIA	ASTYPALAIA
	CHIOS	CHIOS
		MESTA
	DONOUSA	DONOUSA
	EREIKOUSA	EREIKOUSA
	FOLEGANDROS	FOLEGANDROS
	FOURNI KORSEON	FOURNI KORSEON
	GAVDOS	GAVDOS
	HALKI	HALKI
	IKARIA	EVDILOS / AGIOS KYRIKOS
	INOUSSES	INOUSSES
	IOS	IOS
	IRAKLEIA	IRAKLEIA
	ITHAKI	FRIKES
		PISAETOS
	KALAMOS	KALAMOS
	KALYMNOS	KALYMNOS
	KARPATHOS	KARPATHOS

STAT	ISEM IL-GŻIRA	ISEM IL-PORT
	KASOS	KASOS
	KASTOS	KASTOS
	KEA	KEA
	KEFALLONIA	ARGOSTOLI
		POROS, KEFALLONIA
		SAMI
	KERKYRA	LEFKIMI
	KIMOLOS	KIMOLOS
	KOS	KOS
		MASTICHARI
	KOUFONISI	KOUFONISIA, CYCLADES
	KYTLEA	AGIA PELAGIA
		DIAKOFTI
	KYTHNOS	KYTHNOS
	LEROS	AGIA MARINA, LEROS
		LAKKI, LEROS
	LESVOS	MYTILINI
	LIMNOS	MYRINA
	LIPSI	LIPSI
	MATHRAKI	MATHRAKI
	MEGANISI	MEGANISI
	MEGISTI	KASTELORIZO
	MILOS	ADAMANTAS
	MYKONOS	MYKONOS
	NAXOS	NAXOS
	NISYROS	NISYROS
	OTHONI	OTHONI
	PAROS	PAROS
	PATMOS	PATMOS
	PAXI	PAXI
	POROS	POROS, TRIZINIA
	PSARA	PSARA
	RHODES	RHODES
		SKALA KAMIROU, RHODES
	SALAMINA	FANEROMENI
		PALOUKIA

STAT	ISEM IL-GŻIRA	ISEM IL-PORT
	SAMOS	VATHY
		KARLOVASI
		PYTHAGOREIO
	SAMOTHRAKI	SAMOTHRAKI
	SCHINOUSSA	SCHINOUSSA
	SERIFOS	SERIFOS
	SIFNOS	KAMARES, SIFNOS
	SIKINOS	SIKINOS
	SKIATHOS	SKIATHOS
	SKOPELOS	GLOSSA/AGNONTAS
	SKYROS	LINARIA
	SPETSES	SPETSES
	SYMI	SYMI
	SYROS	ERMOUPOLI
	THASOS	PRINOS
		THASOS
	THIRA	THIRA
	THYMAINA	THYMAINA
	TILOS	TILOS
	TINOS	TINOS
	YDRA	YDRA
	ZAKYNTHOS	ZAKYNTHOS
SPANJA	FORMENTERA	LA SAVINA
	IBIZA	EIVISSA
		SANT ANTONI DE PORTMANY
	MENORCA	CIUDADELA
		MAÓ
IL-KROAZJA	BIŠEVO	MEZUPORAT
		PORAT
		SALBUNARA
	BRAČ	BOL
		MILNA
		SUMARTIN
		SUPETAR
		SUTIVAN

STAT	ISEM IL-GŻIRA	ISEM IL-PORT
	CRES	CRES
		MARTINŠĆICA
		MERAG
		POROZINA
	DRVENIK MALI	DRVENIK MALI
	DRVENIK VELI	DRVENIK VELIKI
	DUGI OTOK	BOŽAVA
		BRBINJ
		ZAGLAV
	HVAR	HVAR
		JELSA
		STARI GRAD
		SUĆURAJ
	ILOVIK	ILOVIK
	IST	KOSIRAČA
		ŠIROKA
	IŽ	BRŠANJ
		VELI IŽ
		MALI IŽ
	KAPRIJE	KAPRIJE
	KOLOČEP	DONJE ČELO
	KORČULA	DOMINČE
		KORČULA
		PRIGRADICA
		VELA LUKA
	KRAPANJ	KRAPANJ
	LASTOVO	UBLI
	LOPUD	LOPUD
	LOŠINJ	MALI LOŠINJ
		MRTVAŠKA
	MLJET	POLAČE
		SOBRA
	MOLAT	BRGULJE
		MOLAT (LUČINA)
		ZAPUNTEL

STAT	ISEM IL-GŻIRA	ISEM IL-PORT
	OBONJAN	OBONJAN
	OLIB	OLIB
	OŠLJAK	OŠLJAK
	PAŠMAN	TKON
	PREMUDA	KRIJAL
	PRVIĆ	PRVIĆ LUKA
		ŠEPURINE
	RAB	LOPAR
		MIŠNJAK
		RAB
	RAVA	MALA RAVA
		RAVA
	RIVANJ	RIVANJ
	SESTRUNJ	SESTRUNJ
	SILBA	ŽALIĆ
	ŠIPAN	ŠIPANSKA LUKA
		SUĐURAĐ
	ŠOLTA	ROGAČ
	SUSAK	SUSAK
	UGLJAN	PREKO
	UNIJE	UNIJE
	VELE SRAKANE	SRAKANE V.
	VIS	KOMIŽA
		VIS
	VRGADA	VRGADA
	ŽIRJE	MUNA
	ZLARIN	ZLARIN
	ZVERINAC	ZVERINAC
L-ITALJA	ALICUDI	ALICUDI
	CAPRAIA	CAPRAIA
	CAPRI	CAPRI
		MARINA GRANDE
	FAVIGNANA	FAVIGNANA
	FILICUDI	FILICUDI
	GIANNUTRI	GIANNUTRI

STAT	ISEM IL-GŻIRA	ISEM IL-PORT
	GORGONA	GORGONA
	ISOLA ASINARA	ISOLA ASINARA
	ISOLA D'ELBA	CAVO
		MARCIANA MARINA
		MARINA DI CAMPO
		PORTO AZZURRO
		PORTOFERRAIO
		RIO MARINA
	ISOLA DEL GIGLIO	ISOLA DEL GIGLIO
	ISOLA DI ISCHIA	TERME TA' CASAMICCIOLA
		FORIO
		ISCHIA
		LACCO AMENO
		PORTO D'ISCHIA
	ISOLA DI SAN PIETRO	CARLOFORTE
	ISOLA SANTO STEFANO	ISOLA SANTO STEFANO
	ISOLE TREMITI	ISOLE TREMITI
	ISOLOTTO FORMICA	ISOLOTTO FORMICA
	LA MADDALENA	LA MADDALENA
	LAMPEDUSA	LAMPEDUSA
	LEVANZO	LEVANZO
	LINOSA	LINOSA
	LIPARI	LIPARI
	MARETTIMO	MARETTIMO
	PANAREA	PANAREA
	PANTELLERIA	PANTELLERIA
		SCAURI
	PIANOSA	PIANOSA
	PONZA	PONZA
	PROCIDA	PROCIDA
	SALINA	RINELLA
		SANTA MARINA SALINA
	STROMBOLI	STROMBOLI
	USTICA	USTICA
	VENTOTENE	VENTOTENE
	VULCANO	VULCANO
MALTA	GĦAWDEX	MĠARR
L-IŻVEZJA	GOTLAND	VISBY

ANNESS II

Lista ta' kuntratti tas-servizz pubbliku tranżnazzjonali jew obbligi tas-servizz pubbliku tranżnazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 12(3-c) tad-Direttiva 2003/87/KE

— Il-kuntratt tas-servizz pubbliku għall-istabbiliment ta' konnessjoni marittima tal-passiġġieri bejn Ċipru u l-Greċja li tgħaqqad il-portijiet ta' Piraeus (il-Greċja), Larnaca (Ċipru) u Limassol (Ċipru).